# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 532/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ahmad Yassine**

Seduta tat-28 ta' Novembru,2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 241807L quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Mejju, 2016 u fil-ġranet ta' wara, fil-Gżejjer Maltin: 1) Ikkaġuna biża li ser tintuża vjolenza kontra Manar Yasine jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna.; u 2) Naqas li josserva jew kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, b'artikolu 412C tal-Kapitolu 9, liema ordni inħarġet b'sentenza definittiva datata 24 ta' Frar, 2016 maħruġa mill-Imħallef Robert G. Mangion;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-8 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu għal xahar priġunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 2016, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, **tħassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza u minflok tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew alternattivament, f'każ li l-Qorti xorta waħda ssib ħtija fil-konfront tiegħu, **timmodifika** l-istess sentenza appellata, limitament in kwantu għall-piena, billi **tirrevoka** l-piena nflitta u minflok tinfliġġi piena anqas u alternattiva minn dik karċerarja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi dan huwa appell dwar l-apprezzament tal-provi u, b'mod sussidjarju, dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti u ghal dan il-ghan, l-appellant jillanja s-sentenza b'aggravju fuq kull imputazzjoni u iehor fuq il-piena. Tajjeb ghalhekk li qabel ma tghaddi biex taghmel ezami mill-gdid tal-provi u l-konsiderazzjonijiet taghha tghid brevement x'inhuma l-fatti ta' dan il-kaz;
2. Il-kwerelanta hija persuna li dak iz-zmien kienet ghaddejja mill-fazi inizzjali ta' proceduri ta' separazzjoni personali minn mal-imputat li minnu qed tghix separatament *de facto* flimkien ma' uliedha li huma

ukoll ulied l-imputat. Ir-residenza taghha jidher li hi vicin tar-residenza fejn jghix l-imputat u tallega illi fid-data indikata fil-komparixxi, filwaqt li kienet ghaddejja mit-triq tieghu, ghaliex dik hija triqitha, l-imputat mar fuqha u talabha tmur lura d-dar u dan minkejja li hemm kontra tieghu ordni ta' protezzjoni mahruga mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-kwerelanta ghamlet rapport mhux daqstant ghaliex kellimha izda ghaliex hija mwerwra minnu kull darba li javvicinaha minhabba l-vjolenza li ghamlilha precedentement;

3. Fl-**ewwel aggravju,** li kif gia inghad jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, l-appellant iressaq l-argument illi ma kienx pruvat l-element tal-biza kif ravvizat fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali u jallega illi dak iż-żmien kienet għadha lanqas bdiet il-kawża tas-separazzjoni u li infatti meta xehdet il-mara tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti hija qalet li l-kliem li kien qalilha kien fis-sens biex jerġgħu lura flimkien u imkien ma ssemmiet il-kelma biża' fix-xhieda tagħha. Inoltre, li biex jissussisti r-reat kif kontemplat kien jeħtieġ l-eżistenza ta' vjolenza meta fil-fatt il-parti ċivile fl-ebda mument ma ddeskriviet l-aġir tal-appellant bħala wieħed *insubordinate* jew vjolenti;

4. **Manar Yassine** xehedet li fl-4 ta' Mejju, 2016 kienet sejra minn Dar Merħba Bik għall-iskola bit-tfal u l-imputat kien ħiereġ mid-dar fejn joqghod, ghaliex dik hija triqitha u beda jsejħilha, jiġri warajha u jkellimha. Id-dar fejn kien joqgħod u Dar Merħba Bik fejn tirrisjedi hi, huma viċin ta' xulxin. Dakinhar huwa ried ikun jaf għaliex mhux qed tkellmu, għax kien qed iċempel u jibgħat il-messaġġi u jinsisti li jerġgħu jirranġaw l-affarijiet bejniethom iżda hi kienet determinata li ma terġax iċċedilu għax wara li kien diġa wegħdha darb'oħra li mhux ser jerġa jiġri l-istess, marret lura u l-affarijiet reġgħu rrepetew ruħhom. Hi xehdet li tibża minnu u ma tridux ħdejha u dakinhar kien miexi viċin tagħha u skond il-protection order ma setax ikellem kemm lilha u lanqas lit-tfal;

5. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi gia fil-25 ta' Frar, 2016 u fit-18 ta' Marzu, 2016 kien inghata digrieti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti ta' medjazzjoni bejn il-partijiet. Jista' jkun li sa dak iz-zmien ma kienitx ghadha proposta il-kawza ta' separazzjoni pero' jibqa' l-fatt li f'dak iz-zmien gia kien hemm l-inkwiet bejniethom tant li wahda mill-partijiet rrikorriet ghall-proceduri ta' medjazzjoni;

6. L-appellant isostni li fid-deposizzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti,il-kwrelanta qatt ma qalet li kienet imbezza bid-diskors li qalilha l-imputat li kien diskors biex terga lura d-dar. Aktar minn hekk, izda, l-appellant iressaq l-argument illi ma tirrizultax dik l-"imgieba" rikjesta mill-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali u kif imfissra fis-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** (App Krim 24.4.2009. F'din is-sentenza kien imfisser li l-kelma "mgieba" tfisser aktar minn azzjoni wahda kif ahjar riflessa fit-test Ingliz "a course of conduct". F'dik is-sentenza, l-Qorti traccat l-origini ta' din id-disposizzjoni biex turi li l-kliem "on each of those occasions…" fit-test Ingliz u "kull darba minn dawk l-okkazzjonjiet" fit-test Malti " *huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions" ";*

7. Issa, fid-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, l-kwerelanta kienet cara fi kliemha li din kienet okkazzjoni wahda u ma hemm xejn x'jindika li kienet tali li timmerita diskussjoni dwar jekk tistax titqies bhala sensiela ta' azzjonijiet stakkati f'okkazzjoni wahda. Dak li ghamel l-imputat ma jistghax jitqies bhala "a course of conduct" , igifieri l-att materjali fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. L-appellant ghalhekk ghandu ragun fl-ewwel aggravju;

8. **Fit-tieni aggravju**, l-appellant iressaq l-argument illi huwa kien imputat talli kiser Ordni ta' Protezzjoni mahruga fl-24 ta' Frar, 2016 meta ma kien hemm ebda tali ordni mahruga b'dik id-data. L-atti juru li kien hemm Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Frar, 2016 u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati tal-ksur ta' din l-Ordni;

9. M'hemmx dubju li d-data indikata fil-komparixxi hija zbaljata. Dan ma jistghax jitqies bhala *lapsus calami* ghaliex f'dan il-kaz kellha tingieb il-prova li kien hemm ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni b'dik id-data, haga din li ma saritx ghaliex il-prova li ngiebet kienet tirreferi ghal ordni ohra. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun akkolt;

10. Konsegwentement ma hemmx htiega li jkun konsiderat it-tielet aggravju li jirrigwarda l-piena kominata;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba ghat-thassir tas-sentenza appellata u konsegwentement ma ssibx lill-appellant hati tal-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu, filwaqt li tilliberah minn kull piena, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba alternattiva dwar il-piena;

12. Il-Qorti tiehu l-okkazzjoni, u bla ebda riflessjoni fuq l-appellant hawn liberat, sabiex tispjegalu mill-gdid l-obbligi tieghu naxxenti taht l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali kif applikat mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fid-digriet taghha imsemmi *supra.*